Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,965, 25 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 307 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Education for Cultural Mediation taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Education for Cultural Mediation, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Education for Cultural Mediation - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 14 tal-2020, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikunu għaddew f'testijiet ta' proficjenza fil-Lingwa Ingliża u fil-Lingwa Maltija kif approvat mill-Fakultà tal-Edukazzjoni. L-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fl-Ingliż u l-Malti bi Grad Ċ jew ogħla, jkunu eżentati milli joqogħdu għal dawn it-testijiet ta' proficjenza. Fil-każ tal-Ingliż, jekk l-applikanti jkollhom l-istess livell fi kwalifika komparabbli, dawn jiġu aċċettati wkoll. L-applikanti li ma jissodisawx ir-rekwiżit tal-Proficjenza fil-Lingwa Maltija sal-bidu tal-Kors, jistgħu jitħallew jirreġistraw fil-Kors, sakemm li jkunu għaddew mill-Proficjenza fil-Lingwa Maltija qabel it-tmiem tal-ewwel semestru tal-Kors, u qabel jagħmlu xi valutazzjoni."